TARXIEN
Local Council

**Id-Disa' Leġislatura**

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - **Nu 26/2026**

Data: It-Tnejn, 27 t' April 2026

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 73 Santa Marija Street, Tarxien

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella | Viċi Sindku | Skużata |
| Is-Sa. Anabelle Marmara | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sur Dasier Damato | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Nicole Farrugia | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sur Glenn Gerald Urry | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv | Preżenti |

TARXIEN
Local Council

**26.1 Ittri ta' apoloġija**

26.1.1 Is-Sindku talab li s-Sa. Darlene Vella talbet li tkun skużata. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Neil Portelli kien hemm qbil li dawn jiġu niżla bħala skużati.

**26.2 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 25**

26.2.1 Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Dasier Damato, il-Minuti tal-Laqgħa Nu 25 ġew approvati kif imressqa.

**26.3 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Skeda ta' Pagamenti Nu 22**

26.3.1 Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sa. Anabelle Marmara u s-Sur Dasier Damato, ġiet approvata skeda tal-pagamenti għall-perjodu bejn id-19 ta' Marzu 2026 u s-27 t' April 2026, li kienet tammonta għal €67,076.41.

**26.4 Punti li joħorġu mill-Minuti**

26.4.1 Is-Sindku semma li, minħabba li qed jinbidlu xi proċeduri fl-**Accounts** kif mitlub mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, l-accounts tal-Kunsill relatati mal-ewwel kwart ser ikunu ppreżentati sa Ġunju.

26.4.2 Is-Sindku semma li r-**rivista** issa ser tiġi ppubblikata fl-aħħar ta' Ġunju 2026.

26.4.3 Is-Sindku semma li l-**fanali li jaħdmu bis-solar**, bħala parti minn proġett tal-Public Works, fil-parti ta' fuq ta' Joanne Garden ġew installati. Huwa talab sabiex tintbagħat komunikazzjoni biex jingħalqu t-trinek li tħallew miftuħa.

26.4.4 Is-Sindku semma li kellu konferma minn Infrastructure Malta li l-**bust ta' Mintoff** ser ikun qed isir ġewwa Ġnien Joanne.

26.4.5 Is-Sindku semma li l-bust ta' **Renzo Gauci** kien inbeda mill-iskultur Indri u li ser ikun iffinanzjat minn Aġenzija Komunità Malta. Ġie spjegat li l-inawgurazzjoni tista' ssir f'Awwissu jekk jitlesta x-xogħol kollu.

L-iskrizzjoni fuq il-monument għandha tkun:

"B'tifkira tal-artist Tarxiniż Renzo Gauci 1959–~~2026~~ 2018".

26.4.6 Is-Sindku semma li nhar il-Ħamis, 7 ta' Mejju, ser issir laqgħa mas-Sur Ivan Pierre Vella sabiex jiġi diskuss fid-dettall is-**shuttle service** madwar il-lokalità u r-rotot eżistenti li jgħaddu mill-pjazza. Semma li iktar dettalji jgħaddu lill-Membri wara l-laqgħa li ser tinżamm. Is-Sur Neil Portelli semma li idealment ikun hemm l-uffiċċjal responsabbli wkoll min-naħa tal-Malta Public Transport.

26.4.7 Is-Sindku semma li fl-ewwel ġimgħa ta' Mejju ser issir site visit mal-Perit responsabbli mix-xogħolijiet f'**Misraħ Buleben u Ġnien Ovindoli** sabiex jingħalqu s-surveys meħtieġa u tinbeda l-applikazzjoni għall-Planning Fund kif ukoll il-preparazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tat-tenders.

26.4.8 Is-Sindku semma li, bħala parti mill-proġett ***Arts in Common*** li qed jitmexxa mill-Kunsill Reġjonali Port u li ser ikun iffinanzjat ukoll mir-Reġjun, ġie ppreżentat abbozz ta' sketches għal stained glass taħt il-Kerrejja. Id-dokument ġie anness u mmarkat bħala **Dok A.**

Fuq proposta tas-Sindku, bi qbil unanimu, id-disinn ġie approvat.

26.4.9 Is-Sindku ppreżenta **mozzjoni**, issekondata mis-~~Sur Neil Portelli,~~ Sa. Nicole Farrugia sabiex tintalab approvazzjoni mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali għal direct order ta' madwar EUR48,000 sabiex jinxtraw pots, siġar u ħamrija għal Triq San Tumas. Il-mozzjoni ġiet annessa u mmarkata bħala **Dok. B**.

Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-~~Sa Darlene Vella~~ Sa. Nicole Farrugia, is-Segretarju Eżekuttiv ġie mitlub sabiex jikkomunika mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

26.4.10 Is-Sindku spjega li kienet saret laqgħa mal-**Cleansing and Maintenance Division** u, wara li ngħatat spjega dwar is-servizz, kien hemm qbil sabiex il-Kunsill jiffirma l-MoU mal-istess entità biex jibda jibbenefika mis-servizz mill-1 ta' Mejju 2026.

**26.5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

26.5.1 Is-Sindku spjega li kien beda **ħaddiem ta' CWSF** sabiex jaħdem bħala driver mal-Kunsill. Huwa semma li, minħabba xi diffikultajiet li jidher li kien hemm, talab sabiex il-Kunsill jgħaddi għal stadju ta' kumitat biex tiġi diskussa l-materja.

Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Glenn Urry, il-Kunsill għadda għal stadju ta' kumitat. Wara li d-diskussjoni ġiet konkluża, il-laqgħa reġgħet infetħet u ttieħdet deċiżjoni li dan il-ħaddiem jiġi tterminat minn mal-Kunsill fuq raġunijiet sensittivi li ġew diskussi fi stadju ta' kumitat. Ġie deċiż ukoll li jiġi evalwat jekk għandux jinħareġ RFQ għal servizz ta' xufier għat-tliet xhur li ġejjin.

26.5.2 Is-Sindku talab lis-Sur Neil Portelli għall-aġġornament dwar iċ-**central strip ta' quddiem il-Kunsill**, u s-Sur Portelli semma li kien għaddej f'komunikazzjoni mal-Perit, iżda dan seta' jiġi ffinalizzat wara li jsir it-traffic management tal-inħawi.

26.5.3 **Is-Sur Neil Portelli talab li jkun skużat fis-19:00.**

26.5.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni sabiex isir **red carpet** għall-jumejn tal-purċissjoni. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sa Marmarà, kien hemm qbil sabiex dan isir.

26.5.5 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni sabiex jiġi pprovdut xi **xorb għall-bandisti** waqt il-jiem tal-festa. Din it-talba ġiet approvata.

26.5.6 Is-Sindku informa li kienet ser tinġabar kwotazzjoni sabiex jerġgħu **jitnadfu l-ġonna mill-ħaxix**.

**Kunsill Lokali Tarxien** 73, Triq Santa Marija Tarxien TXN 1704 Malta
Telephone **+356 2166 6777 | 2166 6688** Email **tarxien.lc@gov.mt**

TARXIEN
Local Council

26.5.7 Is-Sindku informa li kien ser jippreżenta l-kwotazzjonijiet sabiex jibda t-tkissir tal-**lattrina**.

26.5.8 Is-Sindku semma li kellu laqgħa ma' Infrastructure Malta u spjega li min-nhar il-Ħamis ser jieqaf ix-xogħol tal-**pjazza** minħabba l-festa, sabiex wara l-festi jerġa' jitkompla.

26.5.9 Is-Sindku semma li r-Reġjun Port ser ikun qed jagħti fondi ta' EUR5,000. Kien hemm qbil sabiex dawn jintużaw għall-**Festa Tfal**.

26.5.10 Is-Sindku semma li l-Kunsill kien rappreżentat mill-Perit tal-Kunsill, li attendiet online waqt is-smiegħ tal-Planning Authority dwar il-**krematorju**.

**26.6 Aġġornament**

26.6.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata fis-seba' u nofs ta' filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tnejn, 18 ta' Mejju 2026 fil-17:30 fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

**Joseph Abela Galea**

**Sindku**

**Lianne Cassar**

**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Kunsill Lokali Tarxien** 73, Triq Santa Marija Tarxien TXN 1704 Malta
Telephone **+356 2166 6777 | 2166 6688** Email **tarxien.lc@gov.mt**


Dok. A



Wrought Iron
Stained Glass
148
70
130



Side Elevation
180
Terracotta
148
80

Dok B.

# MOZZJONI: numru 1/2026

**Subject: Planters & Vegitation in Triq San Tumas as part of Vjal Kulhadd Project**

**Data:** It-Tnejn, 20 ta' April 2026

Fid-dawl tal-fatt li l-proġett **Vjal Kulħadd**, li qed jiġi implimentat fi Triq San Tumas, Ħal Tarxien, wasal fl-aħħar fażi tiegħu, hemm il-ħtieġa li jiġu inklużi s-siġar u l-pjanti fl-istess żona sabiex il-proġett ikun jista' jiġi konkluż b'mod sħiħ.

Dan il-bżonn inħoloq wara bidla fid-design concept tal-proġett, fejn il-planters li kienu oriġinarjament ippjanati tneħħew u minflok ser jiġu installati pots kbar mobbli.

F'dan ir-rigward, inkisbet kwotazzjoni mingħand 10Projects Ltd (Paradisio Gardens) li tammonta għal €48,361.12, u din ġiet trasmessa lil Infrastruttura Malta. Min-naħa ta' Infrastruttura Malta, dan il-Kunsill ġie infurmat li l-kwotazzjoni u r-rikjesta ġew aċċettati, u li l-Kunsill għandu joħroġ purchase order lis-supplier imsemmi u sussegwentement jibgħat l-invoice għar-rimbors. Il-korrispondenza relevanti tinsab mehmuża.

Għaldaqstant, sabiex il-proġett jiġi konkluż fil-ħin, dan il-Kunsill għandu jitlob l-approvazzjoni għal direct order mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali minħabba li x-xogħlijiet ta' Infrastruttura Malta mistennija jiġu konklużi fil-ġimgħat li ġejjin u ma hemmx biżżejjed żmien biex jiġi segwit il-proċess kollu meħtieġ għall-ħruġ ta' tender.

Din il-mozzjoni tiġi riferuta għall-votazzjoni immedjata fil-laqgħa tal-Kunsill Nu 26 li ser issir nhar it-Tnejn, 27 t' April 2027

| | |
|---|---|
| [signature] Proponent | N. Farrugia [signature] Sekondant |
| Joseph Abela | ~~Neil Portelli~~ Nicole Farrugia |

Għall-użu tal-Uffiċċju.

Data meta l-mozzjoni ġiet mgħoddija lis-Segretarju Eżekuttiv 20 / 04 / 2026

[signature] Cassar.

Lianne Cassar
Depuat Segretarju Ezekuttiv